**Qorti Civili - Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 632/21/1**

**Sakab Saudi Holding Company**

**vs**

**Ten Leaves Management Limited**

**Illum 1 ta' Settembru 2022**

**Wara r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni ta' Sakab Saudi Holding Company, datat 28 ta' April, 2021, ir-risposta ta' Saad Khalid S. Aljabri sive Saad Khalid S AI Jabri u Khalid Saad Khalid Aljabri datata 12 ta' Jannar, 2022;**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors tas-socjeta' Sakab Saudi Holding Company li permezz tieghu talbet li sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha izzomm lill-intimata Ten Leaves Management Ltd. milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* jew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta', b'mod partikolari *l-utile dominium* temporanju ghall-bqija tal-perjodu ta' disgha u disghin (99) sena li beda fil-hmistax-il gurnata ta' Gunju tas-sena elfejn (15/06/2000) ta' diversi mmobbli sitwati fit-Tigne South Development f'Tigne Point, tas-Sliema nkluz appartamenti ndikati specifikatament fir-rikors u spazji ta' parkeggi liema proprjeta' hija ahjar deskritta fl-istess rikors promotur u l-Qorti taghmel referenza shiha ghall-istess.

Rat ukoll illi permezz tal-istess rikors is-socjeta’ Sakab Saudi Holding Company qed titlob li sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha izzomm lill-intimati l-ohra Saad Khalid S Al Jabri, Mohammed Saad Kh Al Jabri u Khalid Saad Khalid Al Jabri milli jbeighu, jnehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* jew b’titolu oneruz jew gratuwitu, lil partijiet terzi, kwalunkwe ammont ta’ ishma mizmuma direttament jew l-interess beneficcjali ahhari taghhom fis-socjeta Ten Leaves Management Ltd.

Ir-raguni moghtija ghal din it-talba hija pretensjoni tas-socjeta’ rikorrenti f’Malta fil-vesti ta’ talba fiduncjarja b’konnessjoni mal-proprjeta’ immobbli li tappartjeni lil Ten Leaves u/jew talba ghar-responsabbilta’ diretta bhala eccezzjoni ghall-principju ta’ personalita guridika kontra Khalid Al Jabri bhala direttur, kif wkoll Aljabri u Mohammed Aljabri ghaliex dawn it-tnejn agixxew bhala l-*alter* ego ta’ Ten Leaves, u ezercitaw kontroll assolut fuq is-socjeta’ u wzaw il-personalita’ guridika ta’ Ten Leaves bhala strument biex jimplimentaw skema frawdolenti u jahbu fondi approprjati bla jedd appartenenti lir-rikorrenti;

Il-Qorti rat li fir-rikors taghha s-socjeta’ r-rikorrenti spjegat pjuttost fid-dettal il-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-intimati u tat ir-ragunijiet taghha ghalfejn tqis li din il-Qorti ghandha tikkonkludi li r-rekwiziti neccessarji fil-ligi sabiex dan il-mandat ta’ inibizzjoni jigi milqugh huma sodisfatti;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors inkluz l-ispjegazzjoni dettaljata fid-dokument THK 1 u l-affidavit ta’ Neil David Hargreaves (fol, 282 et seq) li gie anness mieghu rapport dettaljat redatt mid-ditta Deloitte sabiex a bazi tieghu is-socjeta’ rikorrenti ssahhah l-argumentazzjoni taghha favur l-ezistenza tal-pretensjonijiet *prima facie* fil-konfront tal-intimati odjerni. Rat ukoll il-kopja tal-‘istatement of claim’ intavolat fil-Qorti Superjuri ta’ Ontario l-Kanada (fol. 443 et seq) u wkoll l-atti u l-ordnijiet sussegwenti li permezz taghhom gew iffrizati l-assi ta’ whud mill-intimati fit-termini tad-direzzjonijiet moghtija minn dik il-Qorti u wkoll inghatat awtorizzazzjoni u saret talba sabiex l-awtoritajiet Maltin jassistu lill-istess Qorti. Rat illi s-socjeta’ ntimata tiffigura f’dawk l-entitajiet milquta mill-ordnijiet moghtija mill-Qorti Kanadiza wara li saru d-debiti ricerki (ara fol. 865 et seq, dol. 908 et seq). F’din id-dokumentazzjoni dwar is-socjeta’ ntimata jinghat li l-intimat Khalid Al Jabri huwa direttur tal-istess u li apparti affarijiet ohra hija proprjetarja ta’ mmobbli f’Malta li allegatament gew iffinanzjati minn flus misapproprjati tar-rikorrenti. Din il-proprjeta’ tinsab elenkata a fol. 975 et seq tal-process nkluz il-valur tal-istess. Il-Qorti rat li din il-proprjeta’ tikkombaca ma’ dik ndikata fit-talba odjerna. Jigi ndikat ukoll f’dan id-dokument li l-intimati personalment huma ‘the ultimate beneficial owners of the Ten Leaves Properties’.

Rat l-affidavit ta' Mohammed Aljabri esebit a fol. 1017 et seq tal-process u hadet konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess nkluz li hu jsostni li ma kienx jaf minn fejn kien gej il-gid ta' missieru izda kien jaf li kellhom hafna gid u kien jarah anki f'forma ta' rigali lussuzi. Izid jghid kif f'mument minnhom izda kellhom jaharbu mill-pajjiz ghaliex hajjet missieru kienet mhedda. Hu wkoll jikkonferma li ghandu 100% tal-ishma tas-socjeta' ntimata Ten Leaves Management Ltd. Jispjega wkoll kif ghaddha rigali finanzjarji mhux zghar lil hutu foshtom l-intimat l-iehor Khalid.

Rat ukoll l-affidavit ta' Abdulaziz Alnowaiser a fol. 1051 et seq u hadet konjizzjoni tal-kontentu tal-istess.

Is-socjeta' rikorrenti tispjega li l-frodi allegatament imwettqa mill-intimati tiskala ghal bosta miljuni izda f'Malta qed tigi limitata ghall-valur tal-proprjeta' tenuta f'Malta kawtelat permezz tal-mandat odjern. Fi ftit kliem ir-rikorrenti ssostni li hija vittma ta' frodi massiva u cioe' skema frawdolenti li giet imwettqa minn Saad Khalid Aljabri bl-assistenza u l-kolluzjoni tal-membri tal-familja tieghu fosthom l-intimati l-ohra odjerni, hbieb mill-qrib u l-assocji tieghu. A fol. 12 et seq tispjega l-konnessjoni tal-intimati ma' Malta u l-kumpanija Ten Leaves Management Ltd. li allegatament, permezz taghha, l-intimati akkwistaw diversi proprjetajiet f'Malta bil-fondi misapproprjati a danni tas-socjeta' rikorrenti fosthom l-appartamenti ndikati fil-mandat odjern.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 28 ta' April, 2021 li permezz tieghu laqghet it-talba provvizorjament (fol. 4).

Rat ir-rikorsi tas-socjeta' rikorrenti li talbet li tigi awtorizzata li tinnotifika lill-intimati barra mill-gzejjer Maltin u rat li din il-Qorti laqghet it-talbiet.

Rat li din il-Qorti ffissat seduti ghas-smigh ta' dan il-mandat kif isegwi:

18 ta' Mejju, 2021 fejn ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimati;
15 ta' Gunju, 2021 fejn ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimati;
14 ta' Lulju, 2021 fejn ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimati;
29 ta' Lulju, 2021 fejn ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika posittiva tal-intimati;
26 ta' Awwissu, 2021 fejn ghal darb'oha ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimati;

29 ta' Settembru, 2021 fejn il-Qorti giet nfurmata li l-intimat Mohammed Saad Kh Aljabri kien ghadu mhux notifikat;
28 ta' Ottubru, 2021 fejn deher biss ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u l-Qorti ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimati;
25 ta' Novembru, 2021 fejn ghal darb'oha deher biss ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u l-Qorti ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimati;
16 ta' Dicembru, 2021 fejn ghal darb'oha deher biss ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u l-Qorti ma kienx ghad ghandha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika tal-intimati.

Rat li fis-smigh tat-13 ta' Jannar, 2022, meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Louis Cassar Pullicino ghar-rikorrenti u Dr. Edward Debono li taha ruhu notifikat ghall-intimati Saad Khalid A Aljabri u Khalid Saad Khalid Aljabri.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2022 l-Qorti giet nfurmata li kien ghad jonqos in-notifika tal-kumpanija Ten Leaves Management Ltd u Aljabri Saad;

Rat ir-risposta tal-intimati Saad Khalid A Aljabri u Khalid Saad Khalid Aljabri datata 12 ta' Jannar, 2022 fejn isostnu li l-allegazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti huma frivoli, vessatorji u mhux sostanzjati fil-konfront tal-intimati u ssostni li l-intimat Saad Khalid Aljabri qed jigi mhedded u mfittex f'tentattiv li jigi silenzjat mis-sidien odjerni tal-kumpanija rikorrenti u cioe' l-Princep Eredi tas-Saudi Arabia Mohammed Bin Salman.  Jigi spjegat li l-intimat Al Jabri kien iservi bhala Minsitru tal-Istat u Special Advisor tal-Ex Princep Eredi u Ministru tal-Intern tas-Saudi Arabia Mohammed Bin Nayef.  L-intimat Al Jabri jispjega x'kien l-irwol tieghu sabiex giet stabilita l-Grupp ta' Kumpaniji li minnha tifforma parti s-socjeta' rikorrenti.  Isostni li l- pagamenti li huwa rcieva kienu awtorizzati mis-sid precedenti il-Princep Mohammed Bin Nayef. Izid li l-proprjeta' involuta giet akkwistata mill-intimati gewwa Malta wara li sar ezercizzju ta' 'due diligence' mill-Awtoritajiet Maltin. Isostnu ghalhekk li ma jezistix l-element tal-prima facie sabiex dan il-mandat jigi konfermat.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-risposta fosthom l-ittra lill-President Donald J. Trump datata 7 ta' Lulju, 2020, id-dokumentazzjoni relatata mal-'Commission for the Control of INTERPOL's files', dokumentazzjoni dwar proceduri legali fil-Kolumbja in relazzjoni mal-attentati li saru sabiex l-intimat jitregga lura gewwa r-Renju tas-Sawdi Arabja.  Rat ukoll id-dokument intitolat 'A Sovereign Wealth Fund for the Prince' Economic Refors and Power Consolidation in Saudi Arabia datata Lulju, 2019 u d-dokument mahrug mill-'Human Rights Watch' intitolat 'The High Cost of Change, Repression Under Saudi Crown Prince Tarnishes Reforms' datat 2019.

Rat illi permezz ta' nota tal-Avukat tal-Istat datata 26 ta' Jannar, 2022 gie dikjarat li l-intimat Saad Khalid S Aljabri gie notifikat u gie prezentat id-debitu certifikat.

Illi fil-verbal tad-9 ta' Frar, 2022 l-Qorti giet infurmata li kien jonqos in-notifika tas-socjeta' Ten Leaves Management Ltd. L-istess fil-verbali tat-3 ta' Marzu, 2022. Rat li fil-verbal tat-30 ta' Marzu, 2022 gie dikjarat li Dr. Louis Cassar Pullicino prezenta nota li tevidenzja li s-socjeta' intimata Ten Leaves Management Limited giet debitament notifikata fit-2 ta' Gunju, 2021. Rat ukoll li fl-atti ma dahlet l-ebda risposta da parti tas-socjeta ntimata.

Rat illi fis-seduti tas-26 ta' April, 2022, 24 ta' Mejju, 2022, 16 ta' Gunju, 2022u 14 ta' Lulju, 2022 l-Qorti kienet ghadha sprovvista minn notifika ta' Mohammed Saad Al Jabri.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Awwissu, 2022 Dr. Louis Cassar Pullicino prezenta nota bic-certifikat tan-notifika tal-intimat Mohammed Saad Al Jabri liema dokumentazzjoni giet esebita wkoll fl-atti mill-AVukat tal-Istat. Rat li dan l-intimat ma prezenta l-ebda risposta fl-atti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-verbal tat-13 ta' Jannar 2022 uhud mill-intimati qajmu eccezzjoni fis-sens li t-terminu ta' xahar mill-prezentat u min-notifika tal-atti lill-intimati kienu ghaddew. Il-Qorti rat li fl-atti sa dak in-nhar tas-smiegh tat-13 ta' Jannar, 2022 ma kien hemm l-ebda notifika tal-intimati li qajmu din l-eccezzjoni tant li huma jirrizulta li gew notifikati ghaliex taw ruhhom notifikati fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2022 cioe' dak in-nhar stess li qajmu l-ilment. Jirrizulta ghalhekk car li din l-eccezzjoni ma tregix u l-Qorti ser tichad l-istess.

Illi fil-mertu u limitatament ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-proceduri odjerni jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti qed issostni li l-intimati iffrodaw ammonti kbar lill-istes socjeta' rikorrenti u dan permezz ta' diversi manuvri u maniggi. L-intimati ma jichdux li rcevew dawn l-ammonti u li bihom nxtrat diversa proprjeta nkluz il-proprjeta' li giet akkwistata mis-socjeta' ntimata izda jsostnu li l-flus waslu ghandhom b'awtorizzazzjoni u mhux bi frodi. Dan huwa appuntu dak li qed jigi eccepit mill-intimati fil-proceduri gewwa l-Kananda.

Illi sakemm is-socjeta' rikorrenti qed issostni l-frodi u li mhux minnu li kien hemm awtorizzazzjoni ghat-trasferiment tal-fondi lill-intimati din il-Qorti tqis li s-socjeta' rikorrenti ghandha l-jedd *prima facie* li tirrikjedi l-ligi. In vista wkoll tal-ammont konsiderevoli, ferm oltre dak kawtelat permezz ta' dan il-mandat, li jirrizulta li jkun dovut mill-intimati lir-rikorrenti f'kaz li l-proceduri kontra taghhom jirnexxu, l-Qorti tqis ukoll li jissussisti l-element tal-irrimedjabilita' f'kaz li ma jigix konfermat dan il-mandat.

Il-Qorti wkoll taghmilha cara li ma hi qed tidhol fl-ebda mertu oltre l-pretensjonijiet finanzjari bejn il-partijiet stante li mhux kompitu taghha f'dawn il-proceduri.

**Decizjoni:**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma d-digriet provizorju taghha datat 28 ta' April, 2021, tghaddi sabiex tilqa' definittivament it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 632/21 kif mitlub.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**